

- a) li jillimita ruħu, fid-dikjarazzjoni ta' kreditu tiegħu fil-proċedura ta' involvenza prinċipali, li jiddeskrivi l-kreditu billi jindika ammont konkret, iżda mhux id-data li fiha tnissel (billi juża pereżempju t-termini “*kreditu tas-subappaltatur JSV Slawomir Kubica fir-rigward tal-eżekuzzjoni tax-xogħliljet fit-toroq*”)
- b) u li, għalkemm ebda data ta' tnissil tal-kreditu ma hija indikata fid-dikjarazzjoni stess, data ta' tnissil tista' madankollu tiġi dedotta mill-annessi meħmuża mad-dikjarazzjoni ta' kreditu (pereżempju, abbażi tad-data li tidher fil-fattura prodotta)?

### **Domanda 3b:**

L-Artikolu 41 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment [insolvenza] għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni ma tipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali iktar favorevoli, *in concreto*, lill-kreditur li jiddikjara li għandu s-sede tiegħu fi Stat Membru għajr l-Istat ta' fuu tal-proċeduri – fir-rigward, pereżempju, tar-rekwiżit tal-indikazzjoni tad-data ta' tnissil tal-kreditu?

<sup>(1)</sup> ĠU 2012, L 351, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitulu 19, Vol. 1, p. 191.

**Talba għal-deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (l-Italja) fid-29 ta' Jannar 2018 – Antonio Pasquale Mastromartino vs Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)**

(Kawża C-53/18)

(2018/C 142/40)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### **Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Antonio Pasquale Mastromartino

Konvenuta: Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)

### **Domandi preliminari**

- 1) Il-funzjoni tal-aġġent marbut (tied aġent) tidħol fl- armonizzazzjoni pprovdu ta mid-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 <sup>(1)</sup>, u għal liema aspetti?
- 2) Regola nazzjonali, bħal dik li tirriżulta mill-Artikolu 55(2) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 58 tal-24 ta' Frar 1998 (Test uniku tad-dispożizzjonijiet dwar l-intermedjazzjoni finanzjarja, skont l-Artikoli 8 u 21 tal-Liġi Nru 52 tas-6 ta' Frar 1996), u mill-emendi suċċessivi, kif ukoll mill-Artikolu 111(2) tad-deliberazzjoni tal-Commissione Nazionale per le Società e la Borsa – Consob Nru 16190 fid-29 ta' Ottubru 2007 (Regolament li jistabbilixxi regoli ta' implettazzjoni tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 58 tal-24 ta' Frar 1998 dwar l-intermedjarji) tipprekludi l-applikazzjoni korretta tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004, u b'mod partikolari tal-Artikoli 8, 23 u 51 tagħha, kif ukoll tal-prinċipji u tar-regoli tat-Trattati dwar in-nondiskriminazzjoni, il-proporzjonalità, il-libertà ta' provvista ta' servizzi u d-dritt ta' stabbiliment, liema regola:
  - a) tippermetti li jiġi pprojbit “diskrezzjonalment” l-eżerċizzju tal-attività ta’ “aġġent marbut” (konsulent awtorizzat sabiex joffri servizzi barra mill-uffiċċi tal-impriża – ex promotur finanzjarju) fir-rigward ta’ fatti li ma jimplikawx it-telf ta’ reputazzjoni tajba, kif iddefinita mid-dritt intern, u li fl-istess ħin ma jirrigwardawx l-osservanza tar-regoli li implimentaw tad-Direttiva;

b) tippermetti li jiġi pprojbit “diskrezzjonalment” u sa sena l-eżerċizzju tal-attività ta’ “ażġent marbut” (konsulent awtorizzat sabiex joffri servizzi barra mill-uffiċċji tal-impriża – ex promotur finanzjarju) fi proċeduri intiżi li jipprevvjenu l-“istrepitus” li jirriżulta mill-akkuża fi proċess kriminali li t-tul tiegħu huwa normalment ħafna iktar minn sena.

<sup>(1)</sup> Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta’ April 2004, dwar is-swieq fl-istumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 6, Vol 7, p. 263).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Piemonte (Italja) fid-29 ta’ Jannar 2018 – Cooperativa Animazione Valdocco S.C.S. Impresa Sociale Onlus vs Consorzio Intercomunale Servizi Sociali di Pinerolo, Azienda Sanitaria Locale To3 di Collegno e Pinerolo**

**(Kawża C-54/18)**

**(2018/C 142/41)**

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Piemonte

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Cooperativa Animazione Valdocco S.C.S. Impresa Sociale Onlus

Konvenuti: Consorzio Intercomunale Servizi Sociali di Pinerolo, Azienda Sanitaria Locale To3 di Collegno e Pinerolo

**Domandi preliminari**

- 1) Il-leġiżlazzjoni Ewropea fil-qasam tad-drittijiet tad-difiża, ta’ smiġħ xieraq u ta’ effettivitā sostanzjali tal-protezzjoni, b’mod partikolari l-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzioni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif ukoll l-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 89/665/KEE <sup>(1)</sup>, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 120(2a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva, sa fejn din timponi fuq l-operatur offerent fi proċedura ta’ sejħa għal offerti li jippreżenta kull kontestazzjoni dwar l-ammissjoni jew l-assenza ta’ esklużjoni ta’ oofferent ieħor f’terminu ta’ tletin jum minn meta tiġi kkommunikata d-deċiżjoni ta’ ammissjoni jew ta’ esklużjoni?
- 2) Il-leġiżlazzjoni Ewropea fil-qasam tad-drittijiet tad-difiża, ta’ smiġħ xieraq u ta’ effettivitā sostanzjali tal-protezzjoni, b’mod partikolari l-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzioni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif ukoll l-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 89/665/KEE, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 120(2a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva, sa fejn din tipprevedi li l-assenza ta’ kontestazzjoni preliminari tad-deċiżjonijiet ta’ ammissjoni fit-terminu msemmi iktar ‘il fuq tipprekludi lill-operatur ekonomiku milli jinvoka, għall-finijiet tal-proċedura ta’ sejħa għal offerti, anki permess ta’ rikors incidental, l-illegalità tad-deċiżjonijiet ta’ ammissjoni ta’ offerenti oħra, b’mod partikolari tal-kontraent jew tar-rirkorrent prinċipali?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta’ Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta’ reviżjoni għall-għoti ta’ kuntratti ta’ provvista pubblika u xogħliji pubbliċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 6, Vol. 1, p. 246).